31990R2368

14.8.1990 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 219/26

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2368/90
tad-9 ta' Awissu 1990
dwar il-klassifikar ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] dwar in-nomenklatura tat-tariffi u ta' l-Istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1251/90 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni b'mod uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa ma' l-imsemmi Regolament, huwa meħtieġ illi jkunu adottati miżuri dwar l-oġġetti msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ipprovda regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kollha jew in parti bbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjonijiet addizzjonali għaliha u li hi mwaqqfa b'disposizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, b'viżjoni għall-applikazzjoni ta' tariffa jew miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu man-negozju ta' oġġetti;

Billi, skond l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa ma' dan ir-Regolament għandha tkun klassifikata skond il-kodiċi NM xierqa indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijet provduti fil-kolonna 3;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa klassifikati fi ħdan in-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċi NM xierqa ndikati fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Awissu 1990.

Għall-Kummissjoni


Jean DONDELINGER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, pġ. 1.
[2] ĠU L 121, tat-12.5.1990, pġ. 29.

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikar tal-kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Ħwejjeġ ħfief minsuġa (100 % qoton), li jibqgħu wesgħin, bi kmiem qosra, li jgħattu l-parti ta' fuq tal-ġisem u jwasslu sa aktar l-isfel mill-qadd. Hi għandha fil-livell ta' l-għonq *ribbing* meħjut li jifforma għonq mingħajr ftuħ li jkun ilibbes eżatt. Għandha ukoll dekorazzjonijiet fuq in-naħa ta' wara u fil-livell tas-sider kif ukoll hemm fit-tarf tal-komma u isfel (Ara r-ritratt Nru 450) (*)  	6110 20 99	Il-klassifikar huwa stabbilit bid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u bit-testi tal-kodiċi NM 6110, 6110 20 u 6110 20 99 kif ukoll bin-Noti Spjegattivi għall-kodiċi NM 6110

(*) Ir-ritratti huma ta' natura purament illustrattiva.